# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUG DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

*Editur. C. Zammit-Marmarà M.B.E.*

Nru. 63 IT-TNEJN, IT-2 TA' LULJU, 1945. Nru. 63

## *WARA L-PACI FL-EWROPA*

(R. BIASINI, DIRETTUR TAL-BIEDJA).

*FIT-TMIENJA ta' Mejju li għadda—jum għażiż ħafna għalina l-Maltin—b'ferħ mhux żgħir, iċċelebrajna r-Rebħa ta' l-Alleati tagħna fuq l-egħdewwa tagħhom fl-Ewropa. Kullimkien, kulħadd ħass il-bżonn u d-dmir li nirringrazzjaw lill-Mulej għar-rebħa hekk kbira li inkurunat il-bravuri tas-suldati tagħna u kienet ukoll rigal sabiħ għat-tbatijiet tal-poplu fl-art, fl-ajru u fil-baħar.*

*Il-ferħ tal-poplu kien f'waqtu. Kienu tabilħaqq rebħa tal-ħaqq fuq il-qawwa, kien trijonf tal-ġustizzja li għalih aħna rroddu ħajr lill-Mulej li żejjen l-ispirtu tan-nies ta' l-armati tagħna u tal-mexxejja tagħhom b'dehen kbir li bih ħelsuna minn gwaj kbir li bla dubju konna nsibu ruħna fih kieku t-tmiem ta' din il-gwerra fl-Ewropa kellu jkun xort'oħra.*

*Iżda m'għandna qatt ninsew li għalkemm din ir-rebħa fl-Ewropa ħalliet lill-Ġappun mingħajr sieħeb, jiġifieri li hu jkollu jkompli jiġġieled waħdu, dan hu għadu qalil, u x-xogħol ta' l-Alleati tagħna ma jkunx komplut sakemm it-tirannija tal-Lvant ma tiġix ukoll imfarrka darba għal dejjem.*

*L-Alleati tagħna għandhom ukoll xogħol kbir biex isewwu t-taħwid li ħallew il-Ġermaniżi f'bosta pajjiżi li kienu okkupati minnhom, l-iżjed fil-kwistjoni ta' l-ikel, li hi biċċa problema tabilħaqq serja. Kemm hi serja aħna nistgħu naraw mill-kliem ta' Mr.Macbane, il-Ministru Ingliż ta' l-Istat, fil-Konferenza Internazzjonali ta' l-Ikel li saret nhar il-Ħamis, l-14 ta' Ġunju, fejn huwa qal: "Il-Gran Brittanja ma tistax tistrinġi iżjed żaqqha biex tforni l-Ewropa tal-Punent, u l-pajjiżi li ġew meħlusa jinħtiġilhom jagħmlu ħilthom kollha biex jipproduċu l-ikel kollu li jistgħu." Taħditiet oħra magħmulin f'dik il-Konferenza juru illi l-Ewropa għandha problemi mhix żgħar dwar il-ħażniet ta' l-ikel.*

*Nuqqas ta' l-ikel, l-iżjed f'dawk il-pajjiżi meħlusin minn idejn l-għadu, huwa wieħed mis-sagrifiċċi li jinħtieġ jitħallas tal-Vittorja li kisbu l-Alleati tagħna. Mhux biss l-ikel hu skars iżda l-vapuri li jġorruh mhumiex biżżejjed, u l-faħam li hu meħtieġ għal dawn il-bastimenti inqas ma hu biżżejjed. It-talba għall-ħwejjeġ ta' l-ikel kibret, fil-waqt illi l-produzzjoni tal-laħam, zokkor, ross, xaħmijiet u żjut hija inqas mis-sena l-oħra. Dan li qiegħed ingħid huwa għall-konsum u ħażniet tad-dinja.*

*Aħna hawn Malta għandna għalfejn nirringrazzjaw lill Ħanin Alla li m'aħniex ħażin, anzi tajbin wisq ħdejn pajjiżi oħra, iżda d-dmir tagħna qiegħed ukoll hemm, u għandna nagħmluh bil-qalb jekk irridu li Alla jgħinna.*

*Aħna għandna nagħmlu ħiltna kollha biex innaqqsu l-mard minn fuq l-annimali billi nikkurawhom tajjeb, għandna nagħmlu li nistgħu biex inħarsu l-prodotti tar-raba' minn kull xorta ta' mard u mess tad-dud, sakemm hu fil-poter tagħna. Għandna wkoll inħaddmu rasna, u nitolbu l-parir ta' min jaf biex ma nikkultivawx iżżejjed minn ħaġa u nħallu n-nieqes minn oħra, b'mod illi jkun hawn rimi ta' ħaġa u skarsizza ta' oħra. Nagħmlu x'nagħmlu, fuq kollox għandna nevitaw il-ħala u niftakru dejjem fid-diffikultajiet li jinsabu fihom pajjiżi oħra. Niftakru li ħafna mill-ikel li nikkunsmaw aħna qiegħed jinbagħad lilna minn pajjiżi oħra fejn, il-ħażniet ta' l-ikel huma agħar minn tagħna. Fuq kollox m'għandniex nitimgħu lill-annimali l-ikel maħruġ għan—nies.*

*Aħna nittamaw illi l-Ġappun ma jdumx ma jiġi mirbuħ, u b'hekk naraw id-dinja mill-ġdid fil-paċi u fit-triq ta' ħajja ġdida—ħajja li mħabba fiha mietu tant għadd kbir ta' nies.*

---

## IL-BIEDJA F'LULJU

*(Editur tal-Propaganda)*

### Fil-Għalqa

IMĦABBA n-nuqqas tax-xita li kellna x-xitwa li għaddiet, din is-sena, iktar minn snin oħra, il-wiċċ tar-raba' tagħna ma' tul is-sajf jinbidel f'art xagħrija, ħlief fejn ir-raba' huwa saqwi. L-egħlieqi tas-saqwi jibqgħu, għalhekk, iħaddru s-sena kollha.

Ftit xogħol jista' jsir bħalissa fir-raba'. Fejn huwa raba' tafli, bħalma hemm Għawdex u f'xi inħawi ta' Malta, isir il-qlib bil-fiesa wara li jingħata d-demel fil-wiċċ biex jitlesta għall-uċuħ tax-xitwa. Fejn hu ħamri jew moħrar u ħafif, ir-raba' ingħażaq bil-banek. L-art wara l-qlib bil-fiesa u bl-egħżiq għandha titħalla bla ma titwetta sabiex il-ħamrija titrewwaħ u tixxemmex sakemm jasal il-waqt taż-żrigħ jew tat-tahwil.

Minn dan ix-xahar 'il quddiem tinżara' s-silla. Fiż-żrigħ tas-silla l-bidwi jħobb jiżra' żerriegħa li jkollha sentejn żmien billi ż-żerriegħa l-ġdida tbati biex tinbet imħabba fil-ħliefa u fil-qoxra ta' ġewwa li minnhom l-ilma u t-tira ma jinfdux hekk bilġri. Iż-żerriegħa tas-silla tibqa' tajba għaż-żrigħ sa millinqas għaxar snin. Il-bidwi tagħna ġie li meta jkollu jinqeda biż-żerriegħa ġdida, qabel ma jiżragħha, ixarrabha għal xi jumejn jew tlieta u b'hekk il-ħliefa titħerra u ż-żerriegħa tinbet iżjed malajr. Iż-żrigħ tas-silla jsir fil-wiċċ u l-ħamrija tixxattab biex iż-żerriegħa ma tiġrix bir-riħ u bix-xita. Il-bidwi għandu jieħu ħsieb jiżra' żerriegħa li tkun nadifa u bla ħxielef tad-dris li jista' jkun fihom ħafna żrieragħ ta' ħaxix ħażin u tal-mard.

### Fil-Ġnien tal-Ħaxix

Bħalissa jistgħu jinżergħu l-ħxejjex tal-ħarifa u tal-bidu tax-xitwa biex jixxettlu, xahar ieħor. Il-ħjar, il-qara' aħmar, il-bittieħ, id-dolliegħ, it-tadam, il-brinġiel, il-bżar, eċċ., għandhom jissaqqew bir-reqqa kollha sabiex jibqgħu jagħtu prodott kontinwu. Ix-xtieli tal-ġdur bikri, pastard

*(Jissokta fil-faċċata 2)*

